32003L0023

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/23/KE

tal-25 ta' Marzu 2003

biex temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE sabiex tinkludi imazamox, oxasulfuron, ethoxysulfuron, foramsulfuron, oxadiargyl u cyazofamid bħala sustanzi attivi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEW,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar prodotti li jipproteġu x-xtielii biex jitppoġġew fis-suq [1], kif kient l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/81/KE [2] u partikolarrment bl-Artikolu 6(1) ta' dan,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE Franza fit-2 ta' Diċembru 1997 irrċeviet applikazzjoni minn Cyanamid NV/SA (issa BASF AG) biex tinkludi f' l-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE is-sustanza attiva imazamox/KEE. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1998/676/KE [3] ikkonfermat li d-dokument kien "lest" fis-sens li jista' jitqies li jissodisfa, fil-prinċipju, it-tagħrif u l-informazzjoni meħtieġa ta' l-Annessi II u III tad-Direttiva 91/414/KEE.

(2) L-Italja rrċeviet applikazzjoni simili fid-29 ta' Marzu 1998 minn Novartis Protezione Piante SpA (issa Syngenta) li tirrigwarda oxasulfuron. Din l-applikazzjoni giet dikjarata lesta bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/237/KE [4].

(3) L-Italja rrċeviet applikazzjoni simili fit-3 ta' Lulju 1996 minn Hoechst Schering AgrEvo GmbH (issa Bayer dwar Ix-Xjenza tal-uċuħ tar-raba rigward ethoxysulfuron. Din l-applikazzjoni giet dikjarata lesta bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/591/KE [5].

(4) Il-Ġermanja rrċeviet applikazzjoni simili fit-30 ta' Marzu 2000 minn Aventis dwar ix-Xjenza tal-uċuħ tar-raba (issa Bayer dwar Ix-Xjenza tal-uċuħ tar-raba) rigward foramsulfuron. Din l-applikazzjoni giet dikjarata lesta bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/540/KE [6].

(5) L-Italja rrċeviet applikazzjoni simili fis-16 ta' Ġunju 1997 minn Rhone-Poulenc Agro SA (issa Bayer dwar Ix-Xjenza tal-uċuħ tar-raba) rigward oxadiargyl. Din l-applikazzjoni giet dikjarata lesta bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/398/KE [7].

(6) Franza rrċeviet applikazzjoni simili fis-16 ta' Diċembru minn Ishira Sangyo Kaisha Ltd rigward cyazofamid. Din l-applikazzjoni giet dikjarata lesta bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/412/KE [8].

(7) l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent ta' dawn is-sustanzi attivi ġew assessjati skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu6(2) u (4) tad-Direttiva 91/414/KEE, għall-użijiet proposti mill-applikanti. Ir-relaturi nominati mill-Istati Membri, resqu raport lill-Kummissjoni fil-forma ta' abozz dwar is-sustanzi fid-9 ta' Settembru 1999 (imazamox), fl-10 ta' Mejju 2000 (oxasulfuron), fl-20 ta' Mejju 1998 (ethoxysulfron), fl-1 ta' Ġunju 2001 (foramsulfuron), fl-20 ta' Lulju 1999 (oxadiargyl) u fis-27 ta' Awwissu 2001 (cyazfamid).

(8) Ir-rapporti ta' stima fil-forma ta' abbozz ġew riveduti mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Food Chain u s-Saħħa tal-Annimali. Ir-reviżjoni kienet iffinalizzata fil-format tar-rapporti riveduti tal-Kummissjoni fit-3 ta' Diċembru 2002 għall-imazamox, oxadiargyl, oxasulfron, ethoxysulfuron, foramsulfuron u cyazofamid.

(9) Ir-reviżjonijiet tal-imazamox, oxasulfuron foramsulfuron, oxadiargyl u cyazofamid ma kixfu l-ebda mistoqsijiet jew tħassib biex ikun hemm konsultazzjonijiet mal-Kumitat tax-Xjenza dwar l-Ixtieli.

(10) Id-dokumenti u l-informazzjoni fuq l-ethoxysulfuron tressqu wkoll lill-Kumitat tax-Xjenza għall-Ixtieli għall-konsultazzjoni separata. Il-Kumitat tax-Xjenza fl-ewwel konsultazzjoni kien mistieden biex jagħti l-kummenti tiegħu dwar it-tumuri uterini li jidhru fil-firien. Fl-opinjoni tiegħu [9] il-Kumitat ikkonsidra, li għalkemm it-tumuri uterini fil-firien żdiedu dawn ma huma tal-ebda relevanza għar-riskju tal-bniedem minħabba li dehru biss f'doża għolja fejn ikkawżaw tossiċita ġenerali mmarkata. Ma nħassitx il-ħtieġa li jsiru studji mekaniċi adizzjonali Saret konsultazzjoni adizzjonali dwar il-potenzjalità tar-riskju fuq organiżmi akwatiċi. Fit-tieni opinjoni [10] tiegħu l-Kumitat ikkonkluda l-istima dwar ir-riskju ta' ethoxysulfuron għall-organiżmi akwatiċi kien nieqes minn ħafna aspetti, partikolarment fil-konfront tal-organiżmi li joqogħdu fil-qiegħ Kif ukoll stima dwar ir-riskju tax-xtieli akwatiċi mill-metaboliżmu Hoe 136086 tal-ethoxysulfuron giet ikkunsidrata inkompleta.

([1]) ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
([2]) ĠU L 276, tat-12.10.2002, p. 28.
([3]) ĠU L 317, tas-26.11.1998, p. 47.
([4]) ĠU L 87, tal-31.3.1999, p. 15.
([5]) ĠU L 239, tat-30.8.1997, p. 48.
([6]) ĠU L 230, tat-12.9.2000, p. 14.
([7]) ĠU L 176, ta' l-20.6.1998, p. 34.
([8]) ĠU L 155, tat-28.6.2000, p. 62.

([9]) L-Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku tax-Xtieli rigward l-evalwazzjoni tal-ethoxysulfuron fil-kuntest tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE rigward it-tqegħid fis-suq tal-prodotti li jipproteġu x-xtieli SCP/ETHOXY/002-Finali – adottata fit-22 ta' Settembru 2000.

([10]) L-Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku tax-Xtieli rigward l-evalwazzjoni tal-ethoxysulfuron (AE F095404) fil-kuntest tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE rigward it-tqegħid fis-suq tal-prodotti li jipproteġu x-xtieli - SCP/ETHOXY-Bis/002-Finali – adottata fiis-7 ta' Ġunju 2001.

Studji adizzjonali u informazzjoni susegwentement gew provduti mill-applikant u stima fuq ir-riskju għas-sustanzi attivi u l-prodotti ta' degradazzjoni tagħhom ġew riveduti mir-relaturi tal-Istat Membru.

(11) Mid-diversi eżamijiet li saru jidher li l-prodotti ta' protezzjoni għax-xtieli li għandhom is-sustanzi attivi konċernati huma mistennija li jissodisfaw, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti li jnsabu fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) u fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 91/414/KEE, partikolarment dwar l-użijiet li kienu eżaminati u dettaljati fir-rapporti riveduti tal-Kummissjoni. Għalhekk huwa xieraq li jiżdiedu dawn is-sustanzi attivi fl-Anness I, sabiex ikun żgur li fl-Istati Membri kollha l-awtoriżazzjoni ta' dawn il-prodotti protettivi tax-xtieli li għandhom dawn is-sustanzi attivi jkunu skond id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

(12) Ir-rapporti riveduti tal-Kummissjoni huma meħtieġa sabiex id-diversi taqsimiet ta' prinċipji li huma uniformi li jinsabu fid-Direttiva 91/414/KEE jiġu mplimentati kif suppost mill-Istati Membri. Għalhekk huwa xieraq li r-rapporti ffinalizzati riveduti jkunu pprovduti, u l-Istati Membri għandhom iżommuhom aċċessibli jew jagħmluhom aċċessibli għall-konsultazzjoni minn min hu interessat, ħlief għal xi informazzjoni kunfidenzjali li taqa' fit-tifsira tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 91/414/KEE.

(13) L-Istati Membri wara li jidħlu għandhom jingħataw perjodu raġonevoli sabiex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE fejn jirrigwardaw il-prodotti li jipproteġu x-xtieli fejn għandhom fihom imazamox, oxasulfuron, ethoxysulfuron, foramsulfuron, oxadiargyl jew cyazofamid u partikolarment biex jirrevedu d-dispożizzjonijiet awtorizattivi e\istenti u dan sa m'hux aktar tard sa l-a]]ar ta' dan il-perjodu, biex ibiddlu dawk l-awtori\azzjonijet f' awtori\azzjonijiet kompleti, biex jemendawhom jew ine]]uhom skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE.

(14) Għalhekk huwa xieraq li d-Direttiva 91/414/KEE tiġi emendata kif meħtieġ.

(15) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Food Chain u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE hu emendat kif qiegħed imniżżel fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippublikaw dawn il-liġijiet, regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sal-31 ta' Diċembru 2003 biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni minnufih.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2004.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom ikollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikollhom meħmuż din ir-riferenza fl-okkażżjoni tal-publikazzjoni uffiċċjail tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif trid issir din ir-riferenza.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jirrevedu l-awtoriżazzjoni ta' kull prodott li jipproteġi x-xtieli li fih imazamox, oxasulfuron, ethoxysulfuron, foramsulfuron, oxadiargyl, jew cyazofamid sabiex jiżguraw li jitħarsu l-kondizzjonijiet li jirrigwardaw din is-sustanza attiva kif qegħdin imniżżlin fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Fejn hu meħtieġ għandhom jemendaw jew ineħħu l-awtoriżazzjoni skond id-Direttiva 91/414/KEE qabel il-31 ta' Diċembru 2003.

2. L-Istati Membri għandhom għal kull wieħed mill-prodott awtorizzat li jipproteġi x-xtieli li fih imazamox, oxasulfuron, ethoxysulfuron, foramsulfuron, oxadiargyl, jew cyazofamid jew bħala l-unika sustanza attiva jew bħala waħda mid-diversi sustanzi attivi li kollha kemm huma kienu mniżżla f'L-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE sal-30 ta' Ġunju 2003, jerġgħu jevvalvaw il-prodott skond il-prinċipji uniformi previsti fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi tad-dokumnet li jissodisfa ir-rekwiżiti ta' l-Anness III. Fuq il-bażi ta' dik l-evalwazzjoni, għandhom jistabilixxu jekk il-prodott jissodisfax il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE. Fejn hu meħtieġ u m'hux aktar tard milll-31 ta' Diċembru 2004, huma għandhom jemendaw jew ineħħu l-awtoriżazzjoni għal kull wieħed minn dawn il-prodotti li jipproteġu x-xtieli.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għanda tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2003.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Marzu 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

F'L-Anness I ir-ringieli li ġejjin huma miżjuda fl-aħħar

Nu	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Dħul fis-seħħ	Għeluq tad-dħul	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"41	Imazamox SAK Nru 114311-32-9 CIPAC Nru 619	(±)-2-(4-isopropyl-4-methyl-5-oxo-2-imidazolin-2-yl)-5-(methoxy-methyl) aċidu nikotiniku	950 g/kg	fl-1 ta' Lulju 2003.	fit-30 ta' Ġunju 2013.	Użijiet bħal-herbicide biss jistgħu jkunu awtorizzati. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji unifromi tal-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport rivedut fuq l-imazamox, u partikolarment Appendiċi I u II tagħhom, kif ġew iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti fuq il-Food Chain u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Diċembru 2002. F'din l-istima totali l-Istati Membri għandhom joqogħdu attenti l-aktar rigward il-potenzjal li għandu l-ilma tal-art biex jiġi kkontaminat, meta tintuża din is-sustanza attiva fir-reġjuni li għandhom ħamrija vulnerabbli u/jew kondizzjonijiet klimatiċi. Fejn hu meħtieġ għandhom jittieħdu dawk l-miżuri meħtieġa biex jitnaqqas ir-riskju
42	Oxasulfuron SAK Nru 144651-06-9 CIPAC Nru 626	Oxetan-3-yl midin-2-yl) benzoate2ġ(4,6-dimethylpyri-carbamoyl-sulfamoylħ	960 g/kg	fl-1 ta' Lulju 2003.	fit-30 ta' Ġunju 2013.	L-Użijiet bħal-herbicide biss jistgħu jiġu awtorizzati. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji unifromi ta' l-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport rivedut fuq oxasul-furon, u partikolarment AppendiċI I u II tagħhom, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti fuq il-Food Chain u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Diċembru 2002. — L-Istati Membri għandhom joqogħdu attenti partikolarment għall-protezzjoni tal-ilma ta' l-art, meta s-sustanza attiva hija applikata fir-reġjuni li għandhom ħamrija vulnerabli u/jew kondizzjonijiet klimatiċi. Fejn hu meħtieġ għandhom jittieħdu dawk l-miżuri biex jitnaqqas ir-riskju.
43	Ethoxysulfuron SAK Nru 126801-58-9 CIPAC Nru 591	3-(4,6-dimethoxypyrimidin-2-yl)-1-(2-ethoxyphenoxy-sulfonyl)urea	950 g/kg	fl-1 ta' Lulju 2003.	fit-30 ta' Ġunju 2013.	Użijiet bħal-herbicide biss jistgħu jiġu awtorizzati. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji unifromi ta' l-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport rivedut fuq oxasul-furon, u partikolarment Appendiċi I u II tagħhom, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti fuq il-Food Chain u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Diċembru 2002. L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolarment għall-protezzjoni tax-xtieli akwatiċi non-target u alka fil-kanali tad-drenaġġ. Fejn hu meħtieġ għandhom jittieħdu dawk il-miżuri biex jitnaqqas ir-riskju.

Nu	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Dħul fis-seħħ	Għeluq tad-dħul	Dispożizzjonijiet speċifiċi
44	Foramsulfuron SAK Nru 173159-57-4 CIPAC Nru 659	1-(4,6-dimethoxypyrimidin-2-yl)-3-(2-dimethylcarbamoyl-5-formamidophenylsulfonyl)urea	940 g/kg	fl-1 ta' Lulju 2003.	fit-30 ta' Ġunju 2013.	Użijiet bħal-herbicide biss jistgħu jiġu awtorizzati. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji unifromi ta' l-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport rivedut fuq oxasulfuron, u partikolarment Appendiċi I u II ta' dawn, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti fuq il-Food Chain u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Diċembru 2002. F'din l-istima totali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni l-aktar għall-protezzjoni tax-xtieli akwatiċi. Fejn hu meħtieġ għandhom jittieħdu dawk l-miżuri biex jitnaqqas ir-riskju.
45	Oxadiargyl SAK Nru 39807-15-3 CIPAC Nru 604	5-tert-butyl-3-(2,4-dichloro-5-propargyloxyphenyl)-1,3,4 oxadiazol-2-(3H)-wieħed	980 g/kg	fl-1 ta' Lulju 2003.	fit-30 ta' Ġunju 2013.	Użijiet bħal-herbicide biss jistgħu jiġu awtorizzati. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi ta' l-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużżjonijiet tar-rapporti riveduti fuq oxadiargyl, u partikolarment AppendiċI I u II ta' dawn, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti fuq il-Food Chain u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Diċembru 2002. F'din l-istima totali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolarment għall-protezzjoni tal-alka u x-xtieli akwatiċi. Fejn hu meħtieġ għandhom jittieħdu dawk il-miżuri biex jitnaqqas ir-riskju.
46	Cyazofamid SAK Nru 120116-88-3 CIPAC Nru 653	4-chloro-2cyano-N,N-dimethyl-5-P-tolylimidazole – 1-sulfonamide	935 g/kg	fl-1 ta' Lulju 2003.	fit-30 ta' Ġunju 2013.	L-użijiet bħal-fungiċide biss jisgħu jiġu awtorizzati. Għall-implimentzzajoni tal-prinċipji uniformi ta' l-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużżjonijiet tar-rapport rivedut fuq cyazofamid, u partikolarment Appendiċi I u II ta'dawn, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanent ital-Food Chain u s-Saħħa tal-Annimlai. F'din l-istima totali — L-Istati Membri għandhom joqogħdu attenti partikolarment għall-protezzjoni tal-organiżmi akwatiċi; — L-Istati Membri għandhom joqogħdu attenti partikolarment għad-degradazzjoni kinetiċi tal-metaboliżmu ta' CTCA fil-ħamrija, speċjalment fir-reġjuni tal-Ewropa ta' Fuq. Fejn hu meħtieġ għandhom jittieħdu miżuri u użu tar-restrizzjonijiet biex jitnaqqas ir-riskju.

[1] Dettalji oħra dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanzi attivi huma pprovduti fir-rapport tar-reviżjoni."